MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 426/2012

**Regency Estates Limited (C 237)**

**vs**

**Tal-Lira Limited (C 42598)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-Socjeta' Attrici qed titlob minghand is-Socjeta' Konvenuta il-hlas ta' elf, erba' mija disgha u sighin Ewro tmienja u sittin centezmi (€1,499.68c) maghmula minn €872.09c ghal "porterage" u €618.59 dawl u elettriku. Dana ghall-hwienet 5 u 6 f'Regency House, Triq ir-Repubblika, Valletta.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

1. Intempestivita' tal-proceduri.
2. Il-fatti dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
3. Mitluba spjegazzjoni dwar l-ammonti msemmija din qatt ma giet.

II PROVI

1. It-TRIBUNAL jindika li hawn ser igib xi siltiet biss mix-xhieda u dana fuq l-isfond tal-provi kollha mressqa u li jinsabu fil-process.
2. **<u>Alfred Joseph Baldacchino</u>**,direttur tas-Socjeta' Attrici qal li sal-ahhar ta' Frar 2009 is-Socjeta' kienet tamministra Regency House, bil-hwienet 5 u 6 mikrija lis-Socjeta' Konvenuta. Sa Dicembru 2008 din kienet regolari fil-hlas trimensili ta' *porterage*, dawl u ilma (Dok REL 1 *a fol* 16). Dawk ta' Jannar u Frar 2009 (Dok REL 4 u 5) ma thallsux – bla ebda ragui. Il-Meter kien fuq isem is-Socjeta', li kienet thallas lil Enemalta u wara titlob rimbors.

3. In kontro ezami qal li, in linea generali, kull inkwilin jinhariglu kont tal-"porterage" bazat fuq "floor area" u l-istess dwar dawl. Cahad li hareg il-kont meta s-servizz ma kienx ghadu jinghata. Kien hemm korrispondenza bl-email qabel sar l-AVVIZ izda ebda ittra ufficjali. Qatt ma talbuh juri l-kont shieh tal-meter izda hu disponibbli. Hu jassumi li l-inkwilin qatt ma hallas direttament xihaga lil Enemalta ghax qatt ma ntqallu xihaga hekk.

4. **<u>Joe Sant</u>**, direttur ghas-Socjeta' Konvenuta qal li dwar id-Dok *a fol* 19,datat 3/3/2009 dwar "porterage" u xoghol iehor f'Jannar u Frar 2009, dan ma sarx. Dwar Dok REL 5, dawl u ilma (*a fol* 20) kien sar ftehim ma ARMS Ltd dwar Regency House kollha u s-sehem tal-Kumpanija Konvenuta kien ta' €13,995 li qed jithallas direttament mis-Socjeta' Konvenuta wara ftehim am ARMS Ltd. Bhala Dok TL esibixxi dokument fir-rigward li jirriferi ghal inkwilini ohra wkoll.

5. In kontro-ezami qal li fix-xahrejn imsemmija hu mar fil-fond xi sitt darbiet u ma rax xoghol ta' "porterage".

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Wara li qies kollox, provi migjuba u sottomissjonijiet, it-TRIBUNAL iqis li verament td tinzamm destinzjoni bejn iz-zewg ammonti mitluba. Fil-fehma tat-TRIBUNAL, fuq bazi ta' principji li japplikaw ghal-livell ta' prova *in civilbus*, u bla ma jkun nieqes anqas is-sens ta' ekwita' b'osservanza ta' dak statutorjament hu fi dmir li jitqies, hu soddisfacentement pruvat li dak mitlub dwar "porterage" hu dovut.

2. Mhux l-istess dwar il-kont ta' dawl u ilma. Hawn ix-xhiedat a' Joe Sant, direttur tas-Socjeta' Konvenuta, titfa dubbju serju fuq il-pretensjoni attrici, liema xhieda ma gietx validament konradetta mis-Socjeta' Konvenuta.

3. Dwar l-ewwel eccezzjoni ta' intermpestivita', it-TRIBUNAL iqis li f'kawza, intavolata fl-14 ta' Dicembru 2012 dwar hlas mitlub relativament ghax-xhur Jannar u Frar 2009 u meta jqis ukoll dak li ghadda bejn il-kontendenti fil-frattemp, din hi eccezzjoni li ma tistax tintlaqa u hi anzi frivola.

DECIZJONI

Meqjus dak kollu mfisser *supra*, it-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi 1) **jichad** l-ewwel eccezzjoni dwar intepestivita' kif ukoll dik nru 3 dwar nuqqas ta' spjegazzjoni qabel il-bidu tal-proceduri odjern izda 2) **jilqa** t-tieni eccezzjoni limitatament ghat-tieni *quantum* mitlub imma 3) **jichadha** dwar l-ewwel *quantum* mitlub fl-AVVIZ 4)jilqa t-TALBA fl-AVVIZ dwar l-ewwel *quantum* mitlub u 5) **jichadha** dwar it-tieni *quantum* 6) **jikkundanna** lis-Socjeta' Kovneuta biex thallas lis-Socjeta' Attrici l-ammont ta' tmien mija, tnejn u sebghin Ewro u disgha centezmi (€872.09c) liema ammont ghandu jithallas fi zmien hmistax-il jum mil-lum u fin-nuqqas ta' hlas shieh fit-terminu msemmi jibda ghaddej l-imghax mil-lum stess sal-jum tal-pagament effettiv u 7) **jikkundanna** lill-kontendenti li jhallsu l-ispejjes tal-kawza hekk: terz ikunu a kariku tas-Socjeta' Attrici u zewg terzi a kariku tas-Socjeta' Konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------